**ID-DISA' LEĠISLATURA**

# MINUTI 21

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

Laqgħa Numru 21 — Nhar it- Tnejn 19 ta' January , 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 4:30pm.

**Preżenti:**

- Neville Chetcuti – Sindku
- Aaron Caruana – Kunsillier
- Martin Vella – Kunsillier
- Tania Borg – Kunsilliera
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Ralph Mangion – Viċi Sindku
- Conrad Borg Manche – Kunsillier
- Ryan Sciberras – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):**

- Jessica Borg – Kunsilliera

**Assenti:**

Ħadd

**Uffiċjali Preżenti:**

Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

### 21.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Preċedenti (Nru 20)

#### 21.2.1 Qari tal-Minuti

Is-Sindku fetaħ is-seduta u talab il-kunsiderazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 20. Peress li l-abbozzi tal-minuti kienu tqassmu minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill, dawn ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Ma sar l-ebda kumment u l-minuti ġew ikkunsidrati korretti.

**Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 20 ġew approvati.**

**Proposta: Kunsilliera Tania Borg**
**Sekondata: Kunsillier Martin Vella**
**Deċiżjoni: Approvata unanimament.**

---

### 21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

#### 21.3.1 Camera – Manoel de Vilhena
Is-Sindku informa li l-camera fi Triq Manoel de Vilhena twaħħlet. Qed jistennew lil Enemalta sabiex tipprovdi l-compliance meħtieġ biex il-camera tibda tiffunzjona.

#### 21.3.2 Manoel de Vilhena – Public Works
Is-Sindku informa li x-xogħlijiet f'Triq Manoel de Vilhena qed jitranġaw u li t-triq ser tingħalaq waqt li x-xogħol ikun għaddej.

#### 21.3.3 St Albert Street
Is-Sindku spjega li x-xogħol fuq din it-triq beda llum min-naħa ta' Jeff's Pastizzeria.

#### 21.3.4 Attività tal-Karnival
Is-Sindku spjega li din is-sena l-Kunsill ser jorganizza attività tal-Karnival fl-14 ta' Frar 2026 bejn l-10:00 u t-12:00 fix-Xatt.

#### 21.3.5 Il-ħinijiet tal-permessi
Is-Sindku spjega li daħlet talba biex jinbidlu l-ħinijiet tal-permessi fil-lokalità u ppropona dawn il-ħinijiet:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 8:30 – 17:00
- Is-Sibt: 8:30 – 15:00

Dawn il-ħinijiet ma jinkludux iż-żona tal-iskola u tal-knisja.

**Deċiżjoni: Approvata unanimament.**

**21.3.6 Ġbir ta' flus għal karità**

Is-Sindku informa li ser jibda jinġabar flus waqt attivitajiet tal-Kunsill. Il-Kunsill kiseb skema biex jiġi rranġat ix-Xatt tal-Gżira b'ammont ta' €88,000, u issa jeħtieġ fondi addizzjonali mill-Planning Authority sabiex il-proġett ikun jista' jitkompla.

**21.3.7 Waterfront**

Ser tintbagħat ittra lill-Waterfront bħala apprezzament tal-fondi li ngħataw fi żmien il-Milied marbuta mal-inizjattiva "Plant a Tree".

**21.3.8 Laqgħa tal-Kappillan**

Is-Sindku informa li l-Kunsill ma rċeviex l-istedina tal-Kappillan, iżda jista' jkun li ntilfet fil-posta.

**21.3.9 Hoarding fi Triq il-Flotta**

Il-Kunsill irċieva applikazzjoni għal hoarding fi Triq il-Flotta minħabba li ser titella' binja ġdida. L-applikazzjoni ġiet approvata, iżda l-Kunsill jixtieq aktar dettalji.

**21.3.10 Skema PRIMA**

Is-Sindku spjega li, kif kien ippreżenta s-Sur Fabian Borg, l-iskema tal-UE PRIMA ġiet aċċettata u ser tkun ta' benefiċċju għall-ġenerazzjoni żagħżugħa. L-Appendiċi 1 jinkludi aktar dettalji dwar din l-iskema.

---

**21.4 Performance Appraisal**

**21.4.1**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Performance Bonus tal-ħaddiema tal-Kunsill u tal-istess Segretarju Eżekuttiv. Il-performance appraisal tal-ħaddiema kollha tal-Kunsill ġie approvat bl-ogħla rata.

---

**21.5 Mistoqsijiet u Diskussjonijiet mill-Kunsilliera**

**21.5.1**

Il-Kunsillier Aaron Caruana faħħar ix-xogħol tal-handyman tal-Kunsill u rringrazzjah.

**21.5.2**

Il-Kunsillier Aaron Caruana staqsa ta' min hi l-boatyard li tinsab qabel id-daħla ta' Manoel Island. Is-Sindku wieġeb li ma taqax taħt il-Kunsill, iżda ser jippruvaw jivverifikaw jekk taqax taħt MIDI jew Lands.

**21.5.3**
Il-Kunsillier Aaron Caruana staqsa dwar il-culverts fi Triq ix-Xatt quddiem il-Waterfront Hotel, peress li qed jinġabar ħafna ilma u drenaġġ. Is-Sindku wieġeb li qed isir eżerċizzju bil-cameras biex jiġu identifikati l-ħsarat eżistenti.

**21.5.4**
Il-Kunsilliera Tania Borg qajmet punt li applikat għal skema ta' edukazzjoni u xtaqet tkun taf min mill-Kunsilliera hu interessat li jkun parti minn dan il-proġett.

**21.5.5**
Il-Kunsillier Ryan Sciberras staqsa jekk kienx hemm żvilupp dwar Sliema Road. Is-Sindku wieġeb li qed jistennew tweġiba mingħand Transport Malta.

**21.5.6**
Il-Kunsilliera Joyce Bray irrappurtat li fiż-żona tal-Upper Savoy hemm dawl baxx. Is-Sindku informa li d-dawl qed jinbidel kollu.

---

**20.8 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlasijiet**

L-Iskeda tal-Ħlasijiet Nru 18/9 ġiet ippreżentata u eżaminata mill-Kunsill.

**Proposta: Kunsillier Martin Vella**
**Sekondata: Kunsilliera Joyce Bray**
**Deċiżjoni: Approvata unanimament.**

---

**20.9 Tmiem il-Laqgħa**

Is-Sindku kkonkluda l-laqgħa fis-6:00 p.m.
Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Frar 2026, fl-4:30 p.m. fil-boardroom tal-Kunsill Lokali.

**IFFIRMATA:**

| | |
|---|---|
| **Neville Chetcuti** | **Mandy Farrugia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |